

Brussell, 27 ta' Jannar 2017
(OR. en)

5672/17

PUBLIC 3
INF 9

NOTA

Suġġett:	SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - SETTEMBRU 2016
----------	---

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Settembru 2016.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli ta' votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispeġġazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'SETTEMBRU 2016

Proċedura bil-miktub magħluqa fit-12 ta' Settembru 2016

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċizzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2016 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ĠU C 336, 13.9.2016, p. 1-1	11166/16 + ADD1 sa 6	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-estimi tal-Kummissjoni għall-2017

Il-Kunsill ifakkar fil-kalendarju prammatiku maqbul bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea matul it-trilogu tal-14 ta' Marzu 2016 li jistabbilixxi d-dati għall-proċedura baġitarja għall-2017. Dan il-kalendarju prammatiku huwa element essenzjali għat-titjib tal-funzjonament tal-proċedura baġitarja u jikkontribwixxi biex jiżgura adozzjoni f'waqtha tal-baġit, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba.

Preżentazzjoni bikrija tad-dikjarazzjoni dwar l-estimi mill-Kummissjoni hija importanti sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-Kunsill biex iwettaq analiżi teknika dettaljata tal-estimi mibgħuta, biex jinżamm bilanċ fir-rigward taż-żmien disponibbli għal kull istituzzjoni u jiġi żgurat li jinżammu l-iskedi ta' żmien stabbiliti fil-kalendarju prammatiku.

Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura preżentazzjoni f'waqtha tad-dikjarazzjoni tal-estimi għall-baġit fis-snin li ġejjin skont il-prattika tajba stabbilita fis-snin preċedenti u b'konsistenza mal-mira tal-Ftehim Interistituzzjonali li jiżgura l-funzjonament xieraq tal-proċedura baġitarja annwali.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar approprjazzjonijiet ta' pagament

Il-Kunsill ser jeżamina bir-reqqa l-ittra emendatorja għall-agrikoltura (li tinkludi informazzjoni dwar id-dħul assenjat) sabiex jivvaluta kif xieraq il-livell ta' riżorsi taħt l-intestatura 2 (Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali) fil-baġit għall-2017.

Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli bi skrutinju mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020. Għal dak il-għan, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex fil-mument opportun tippreżenta ċ-ċifri aġġornati rigward l-istat attwali u l-estimi dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-2017 bil-ħsieb li tippermetti lill-awtorità baġitarja tiegħu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa fi żmien debitu għal ħtiġijiet ġustifikati.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnaqqis ta' 5% tal-persunal

Il-Kunsill ifakkar fil-ftehim milħuq bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni li progressivament inaqqsu 5% tal-persunal kif hemm fit-tabella tal-persunal fl-1 ta' Jannar 2013, li għandu jiġi applikat għall-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji kollha u li għandu jkun effettiv bejn l-2013 u l-2017, kif imniżżel fil-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba.

Il-Kunsill jieħu nota tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni tal-progress lejn il-mira tat-tnaqqis ta' 5% tal-persunal miksub sal-lum mill-istituzzjonijiet, kif ippreżentat fit-tabella fl-Appendiċi 1. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex ttipprovdi wkoll data komparabbli globali għall-aġenziji deċentralizzati u eżekuttivi f'dik il-preżentazzjoni.

Il-Kunsill ifakkar li s-sena fil-mira għall-implimentazzjoni sħiħa ta' tnaqqis ta' 5% tal-persunal hija l-2017. Huwa ferm diżappuntat li mhux l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha ser jiksibu l-implimentazzjoni tat-tnaqqis ta' 5% tal-persunal fil-ħin sa tmiem l-2017 u jinsisti li għandhom jittieħdu immedjatament miżuri xierqa ta' segwitu biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni bl-għan li jiġi żgurat li jsiru l-isforzi kollha possibbli biex jiġi evitat aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-mira ta' tnaqqis ta' 5% tal-persunal għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha.

Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza tal-monitoraġġ mill-qrib tal-approprjazzjonijiet għall-kategoriji kollha ta' persunal estern, fl-isfond tal-kapaċità addizzjonali li tirriżulta miż-żieda fil-ħin tax-xogħol għal 40 siegħa fil-ġimgħa. Huwa jilqa' l-perspettiva ġenerali mill-Kummissjoni tad-data konsolidata dwar il-persunal estern kollu impjegat mill-istituzzjonijiet, mogħtija fl-Appendiċi 2, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament Finanzjarju. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli ttipprovdi din l-informazzjoni lill-awtorità baġitarja meta tippreżenta l-abbozz tal-baġits tagħha għas-snin li ġejjin.

Il-Kunsill jissottolinja li l-kisba tal-mira ta' tnaqqis ta' 5% tal-persunal għandha tgħin biex jinkiseb iffrankar fl-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet. Fid-dawl ta' dan, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tibda bil-valutazzjoni tal-eżitu tal-eżerċizzju sabiex jinsiltu tagħlimiet għall-futur.

Appendiċi 1 għall-ANNESS II

Karigi tat-tabella tal-persunal - L-istituzzjonijiet kollha											
Evoluzzjoni sal-lum fir-rigward tal-mira ta' tnaqqis ta' -5% fuq ħames (5) snin 2013-2017											
Istituzzjonijiet	Baġit 2012 ¹	Mira tat-tnaqqis ta' -5% 2013-2017	Mira ta' referenza annwali ² - 1%	Implimentazzjoni tat-tnaqqis ta' karigi ³						Distanza li fadal għall-mira ta' -5%	
				2013	2014	2015	2016	2017	Total	Karigi	Punti %
Parlament Ewropew ^{5,6}	5 623	-281	-56	-	-37	-47	-18	-	-102	179	3,2%
Kunsill Ewropew u Kunsill	3 136	-157	-31	-46	-42	-22	-32	-15	-157	-	0,0%
Kummissjoni	25 073	-1 254	-251	-250	-250	-263	-252	-239	-1 254	-	0,0%
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	1 952	-98	-20	-20	-20	-7	-13	-19	-79	19	1,0%
Qorti Ewropea tal-Awdituri	885	-44	-9	-9	-9	-9	-9	-9	-45	-1	-0,1%
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	673	-34	-7	-7	-7	-7	-7	-6	-34	-	0,0%
Kumitat tar-Reġjuni	492	-25	-5	-	-5	-5	-7	-9	-26	-1	-0,2%
Ombudsman Ewropew	64	-3 ⁴	-1	-	-	-1	-1	-1	-3	-	0,0%
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-	43	-2 ⁴	-	-	-	-1	-1	-	-2	-	0,0%
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ⁷	1 679	-84	-17	-	-17	-17	-17	-17	-68	16	1,0%
Total tal-istituzzjonijiet	39 620	-1 982	-397	-332	-387	-379	-357	-315	-1 770	212	0,5%

¹ Karigi awtorizzati għall-2012 minbarra t-tkabbir tal-Kroazja (140 kariga) u l-gruppi politiċi tal-PE (1 015-il kariga) bl-aġġustamenti li ġejjin:

- 80 kariga żdiedu fil-PE u tnaqqsu mill-KESE (-48) u mill-KtR (-32) sabiex jiġi rifless l-impatt tal-ftehim ta' kooperazzjoni ffirmat fil-5 ta' Frar 2014 bejn dawk l-istituzzjonijiet.
- 10 karigi ġew ittrasferiti mill-Kunsill għas-SEAE fl-2014.
- 2 karigi ġew ittrasferiti mis-SEAE għall-Kummissjoni (PMO) fl-2014.
- kariga waħda (1) ġiet ittrasferita mill-Qorti tal-Awdituri għall-Kummissjoni (PMO) fl-2015.
- kariga waħda (1) ġiet ittrasferita mill-Kunsill għas-SEAE fl-2015.
- 6 karigi ġew ittrasferiti mill-Kunsill għall-Kummissjoni (PMO) fl-2015.
- 2 karigi ġew ittrasferiti mill-PE għall-Kummissjoni fl-2016.
- kariga waħda (1) ġiet ittrasferita mill-Qorti tal-Awdituri għall-Kummissjoni fl-2016.

² Projezzjoni lineari fuq 5 snin ta' 1% kull sena, ċifri mqarriba.

³ Sorsi: il-baġits awtorizzati 2013, 2014, 2015, 2016 (inkluż il-baġits emendatorji u/jew l-abbozzi ta' baġit emendatorju), u l-abbozz tal-baġit għall-2017.

⁴ Sa tmiem l-2017, l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data huma mistennija li jnaqqsu l-għadd tal-karigi tagħhom bi 3 u bi 2 rispettivament.

⁵ Il-mira tat-tnaqqis għall-PE hija bbażata fuq il-baġit għall-2014 (eskluż karigi relatati mal-gruppi politiċi); kif stipulat fid-dikjarazzjoni tal-PE dwar l-applikazzjoni tal-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali (*ara l-Konklużjonijiet Konġunti tal-baġit għall-2016*). Il-PE impenja ruħu li jkompli bit-tnaqqis tal-għadd totali ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment tiegħu u li jlestih sal-2019 (tnaqqis ta' 60 kariga fl-2017 u l-2018 rispettivament, tnaqqis ta' 59 kariga fl-2019); fid-dikjarazzjoni tal-estimi tiegħu l-PE jimpenja ruħu li japplika t-tnaqqis ta' 60 kariga fl-2017 matul il-qari tiegħu tal-abbozz tal-baġit għall-2017.

⁶ Għall-PE, il-kolonna "2016" teskludi 35 kariga mitluba fl-ABE 3/2016. Il-PE ser ikollu jikkonferma l-intenzjoni tiegħu li jżomm dawn il-karigi waqt il-qari tiegħu tal-AB 2017.

⁷ Is-SEAE impenja ruħu li japplika l-aħħar parti tat-tnaqqis tal-persunal ta' 5% (ekwivalenti għal 16-il kariga) fl-2018.

Appendiċi 2 għall-ANNESS II

Evoluzzjoni tal-persunal estern fl-istituzzjonijiet kollha 2012 - 2017

Istituzzjoni	B2012		B2013		B2014		B2015		B2016 (inkl. ABE 3/2016)		DB2017		Evoluzzjoni 2017 / 2016			Evoluzzjoni 2017 / 2012		
	€ (mn)	FTE	€ (mn)	FTE	€ (mn)	FTE	€ (mn)	FTE	€ (mn)	FTE	€ (mn)	FTE	€	FTE	% FTE	€	FTE	% FTE
Parlament Ewropew	220,9	6.675	217,7	6.854	231,0	7.515	237,3	7.253	257,6	7.672	265,7	7.718	3,1%	46	0,6%	20,3%	1.043	15,6%
Kunsill Ewropew u Kunsill	8,9	220	10,7	240	9,9	234	10,2	234	10,2	234	10,8	234	5,4%	0	0,0%	21,4%	14	6,4%
Kummissjoni	452,6	8.570	455,5	8.412	448,9	8.313	449,2	8.162	454,1	8.040	462,0	7.928	1,7%	-112	-1,4%	2,1%	-642	-7,5%
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	5,2	142	6,1	158	6,2	163	6,4	156	6,7	162	7,7	176	15,3%	14	8,3%	49,7%	34	24,0%
Qorti Ewropea tal-Awdituri	3,5	77	3,5	74	3,4	69	3,5	71	3,9	77	4,2	80	7,2%	3	3,9%	19,7%	3	4,0%
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	2,7	51	2,7	50	2,5	47	2,6	47	2,6	45	2,6	47	3,6%	2	3,7%	-2,5%	-4	-7,4%
Kumitat tar-Regġuni	2,6	88	2,6	88	2,5	88	2,5	55	2,7	59	2,9	58	6,7%	-1	-2,1%	10,8%	-30	-34,0%
Ombudsman Ewropew	0,2	4	0,3	6	0,4	9	0,5	10	0,5	12	0,7	15	42,4%	3	22,9%	247,0%	11	262,5%
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-	0,3	7	0,4	8	0,4	8	0,4	9	0,6	12	0,9	16	38,5%	4	33,5%	178,5%	9	129,9%
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	79,2	1.816	83,1	1.853	80,6	1.894	81,3	1.828	86,3	1.764	89,5	1.809	3,7%	45	2,5%	13,1%	-7	-0,4%
Total tal-istituzzjonijiet	776,1	17.649	782,6	17.743	785,7	18.338	793,8	17.825	825,3	18.077	847,0	18.080	4,0%	2	1,4%	9,1%	431	2,4%

Kummissjoni: l-intestaturi kollha, eskluż l-Aġenziji Eżekuttivi

Dikjarazzjoni unilaterali ta' Ċipru, Franza, il-Greċja u l-Italja

F'kuntest fejn il-qgħad fost iż-żgħażaġh għadu flivell għoli f'bosta Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, u l-priorità mogħtija liż-żgħażaġh mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, Ċipru, Franza, il-Greċja u l-Italja jixtiequ jtennu l-appoġġ tagħhom għall-estensjoni tal-inizjattiva favur l-impjeg taż-żgħażaġh mill-2017 għal sal-2020, f'konformità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

Proċeduri bil-miktub magħluqa fl-14 ta' Settembru 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/1626 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd ĠU L 251, 16.9.2016, p. 80-82	32/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit Ir-Renju Unit jikkunsidra li dawn il-proposti fihom obbligi tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni u għalhekk, billi dawn huma miżuri proposti skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huma soġġetti għall-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.			
Regolament (UE) 2016/1625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 251, 16.9.2016, p. 77-79	31/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit Ir-Renju Unit jikkunsidra li dawn il-proposti fihom obbligi tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni u għalhekk, billi dawn huma miżuri proposti skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huma soġġetti għall-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.			

Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1-76	29/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Ma jipparteċipawx: UK, IE u DK
Dikjarazzjoni mir-Rumanija Dwar il-premessa (60), ir-Rumanija tenfasizza li kwalunkwe interpretazzjoni tal-kunċett ta' "fruntieri esterni" għandha tkopri l-fruntieri tal-Istati Membri elenkati fl-Artikolu 52 TUE u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 19 dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, ma' pajjiżi terzi. L-istess japplika għad-definizzjoni inkluża fl-artikolu 2 para. 1 tal-proposta, b'riferiment għall-artikolu 2 punt 2 tar-Regolament Nru 399/2016 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).			
Dikjarazzjoni mill-Greċja B'referenza għall-Artikolu 19 (1)(b), b'kont meħud tal-fatt li jista' jkun hemm diversi raġunijiet ġustifikabbli għaliex talba għal appoġġ tista' ma tkunx suffiċjenti, il-Greċja tixtieq li ssir konsultazzjoni tal-Aġenzija mal-Istat Membru kkonċernat – inkluż dwar it-tip ta' appoġġ li jagħmel mod li t-talba tkun suffiċjenti – qabel l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni mill-Kunsill. Rigward l-implimentazzjoni tal-Artikolu 42 (4), il-Greċja tqis li l-Istati Membri ta' Orġini ser jibqgħu impenjati b'mod sħiħ għall-applikazzjoni tal-Artikolu 273 TFUE f'bona fede u li l-arranġament speċjali previst fl-Artikolu 273 TFUE huwa diġà previst. Safejn jikkonċerna l-Artikolu 72 (2), il-Greċja tifhem li kwalunkwe rappreżentanza prevista, kif imsemmi f'dan il-paragrafu, għandha tkun f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha. Safejn jikkonċerna l-Artikolu 72 (5), il-Greċja tqis li l-proċedura prevista f'dan il-paragrafu tiegħu kont tal-kunsiderazzjonijiet kollha mingħajr ma jkunu meħtieġa għażliet oħra.			

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Rigward il-Premessa 60, wara diskussjonijiet fil-Kunsill u abbażi tal-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill, il-Kroazja tqis ir-referenzi għat-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 kif ukoll il-Protokoll 19 dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea japplikaw għall-Kroazja.

Dikjarazzjonijiet mill-Ġermanja

1. Fir-rigward tal-Artikolu 56(3) tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2007/2004, ir-Regolament (UE) Nru 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/UE, il-Ġermanja tfakkar fil-paragrafu 8 tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, li skontu l-Istat ospitanti għandu jimpenja ruħu li [jkompli] jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-aġenzija u jipprovdi l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-funzjonament mingħajr xkiel tal-aġenzija, [anke wara li l-aġenzija tkun ġiet stabbilita]. Il-Ġermanja tqis li hija marbuta b'dan, b'hekk il-qbil tagħha mal-formulazzjoni attwali ma għandux jittqies bħala preċedent għall-istabbiliment ta' aġenziji (għodda) fil-futur, u hija titlob lill-Kummissjoni biex tiegħu kont ta' dan fil-futur meta tnejjji proposti simili.

2. Il-Gvern Federali jibqa' ma jikkondividix il-fehma tal-Kummissjoni li l-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (id-'Direttiva dwar ir-Ritorn') jeħtieġ traspożizzjoni (espliċita) fil-leġislazzjoni Ġermaniża. Il-Ġermanja diġà għandha sistema effettiva ta' monitoraġġ tar-ritorn infurzat. Il-monitoraġġ amministrattiv u tekniku tar-ritorni infurzati jista' jitwettaq ukoll mill-awtoritajiet għall-immigrazzjoni, il-forzi tal-pulizija federali u statali, kif ukoll permezz ta' rieżami ġudizzjarju minn qrati indipendenti.

Il-formulazzjoni tal-Artikolu 8(6) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn kienet intenzjonalment ġenerali, u xejn f'dawk id-dispożizzjonijiet ma jobbliga lill-Istati Membri biex jistabbilixxu korp indipendenti ta' monitoraġġ. Li kieku dik kienet l-intenzjoni meta tfasslet id-Direttiva, it-test seta' jinkludi dispożizzjoni addizzjonali bħal din.

Kif iddikjarat il-Kummissjoni stess fl-ittra tagħha tas-16 ta' Ottubru 2014, il-karatteristika essenzjali tal-arranġamenti għall-monitoraġġ tar-ritorni infurzati hija l-analiżi minn partijiet terzi li mhumex involuti direttament fil-proċess ta' ritorn. Dan japplika mill-inqas għar-rieżami ġudizzjarju tar-ritorni infurzati. Barra minn hekk, l-Artikolu 8(6) jirreferi għall-'monitoraġġ dwar ir-ritorn infurzat', mhux 'osservazzjoni' tar-ritorn infurzat. Għaldaqstant, il-monitoraġġ jista' jseħħ ukoll mill-qrati wara l-avveniment, pereżempju wara appell.

Minbarra r-rieżami ġudizzjarju u amministrattiv, diversi organizzazzjonijiet nongovernattivi u tal-knisja jissorveljaw it-tneħħijiet u r-ritorni infurzati f'ajruporti Ġermaniżi ewlenin fuq bażi volontarja. Filwaqt li bażikament l-awtoritajiet Ġermaniżi jilqgħu l-impenn serju ta' dawn l-organizzazzjonijiet f'dan il-qasam, m'hemm ebda obbligu li jiġu ffaċilitati attivitajiet bħal dawn, u lanqas mhu meħtieġ jekk wieħed iqis l-għażliet ta' monitoraġġ eżistenti deskritti hawn fuq.

Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburg, mit-12 sal-15 ta' Settembru 2016)			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118-176	37/16 12128/16	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Regolament (UE) 2016/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 471/2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri fir-rigward tal-għoti ta' setgħat delegati u ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 266, 30.9.2016, p. 1-6	36/16 12129/16	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Proċedura bil-miktub magħluqa fil-15 ta' Settembru 2016			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1671 tal-15 ta' Settembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 249, 16.9.2016, p. 39-57		11796/16	
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1661 tal-15 ta' Settembru 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 249, 16.9.2016, p. 1-19		11798/16	

It-3484 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fi Brussell fl-20 ta' Settembru 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, fir-rigward tas-segretarjat tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)	25/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1707 tal-20 ta' Settembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Eesti Pank ĠU L 257, 23.9.2016, p. 13-14		11492/16	
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2016 dwar l-istabbiliment ta' Bordijiet Nazzjonali tal-Produttività ĠU C 349, 24.9.2016, p. 1-4		10252/16	
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni			
Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill tar-rakkomandazzjoni għall-pajjiżi taż-żona tal-euro biex iwaqqfu Bordijiet Nazzjonali tal-Produttività. Il-Kummissjoni tappoġġa bis-siġħ il-parteċipazzjoni ta' bordijiet minn pajjiżi barra ż-żona tal-euro fl-aspetti kollha tal-kooperazzjoni relatata mal-bordijiet tal-produttività. Fir-rwol tagħha bħala faċilitatur ta' skambji ta' fehmiet u tagħlim reċiproku, il-Kummissjoni ser tiżgura li dawn l-iskambji jsiru fuq bażi uguali għall-bordijiet parteċipanti kollha.			
Deċiżjoni (UE) 2016/1856 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata assistenza lill-Greċja ĠU L 284, 20.10.2016, p. 21-22		11931/16	

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1751 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra li jistabbilixxi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax ĠU L 268, 1.10.2016, p. 38-39	15509/15
Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra li jistabbilixxi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax ĠU L 268, 1.10.2016, p. 40-76	15510/15
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	11216/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn mill-Ġermanja	11704/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1966 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XIX (Protezzjoni tal-konsumatur) tal-Ftehim ŻEE (Sistema ta' Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim) ĠU L 303, 10.11.2016, p. 16-20	10597/16
Rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar approvazzjoni interim tal-użu ta' prodotti kriptografiċi biex jiġu protetti kollegamenti elettroniċi fil-qafas ta' EU NAVFOR MED	11737/16
Rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar l-użu ta' prodotti kriptografiċi biex jiġu protetti links elettroniċi fil-kuntest tal-proġett GALILEO	11891/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għal sħubija fl-Unjoni Ewropea	12415/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1743 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kolombja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 264, 30.9.2016, p. 25-26	12095/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1741 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Palau dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 264, 30.9.2016, p. 21-22	12080/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1744 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Perù dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 264, 30.9.2016, p. 27-28	12099/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1742 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju ta' Tonga dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 264, 30.9.2016, p. 23-24	12089/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25-32	10265/16
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 tal-20 ta' Settembru 2016 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi legali assoċjati magħhom ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1-11	11140/16

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1694 tal-20 ta' Settembru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 255, 21.9.2016, p. 33-34	11389/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1752 tat-30 ta' Settembru 2016 li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 268, 1.10.2016, p. 77-79	11391/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-gvern elettroniku 2016-2020	12359/16
Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' ċerti proposti sottomessi għas-17-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (CoP 17) għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), (Johannesburg, l-Afrika t'Isfel, 24 ta' Settembru – 5 ta' Ottubru 2016)	11676/16
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini, dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu	11260/16
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru	11261/16
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tieħu nota li ntlaħaq ftehim fil-Kunsill dwar l-Artikolu 2 tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tfakkar fil-fehmiet tagħha li l-firma ta' ftehim internazzjonali huwa att ta' rappreżentanza esterna tal-Unjoni, li l-Kummissjoni hija fdata li tagħmel skont l-Artikolu 17(1) TUE.	

Proċeduri bil-miktub magħluqa fl-27 ta’ Settembru 2016			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1711 tas-27 ta’ Settembru 2016 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta’ miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ĠU L 259I, 27.9.2016, p. 3-3		12317/16	
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/1710 tas-27 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu ĠU L 259I, 27.9.2016, p. 1-2		12318/16	
It-3485 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (SUQ INTERN, INDUSTRIJA, RIĊERKA U SPAZZJU)), li saret fi Brussell fid-29 ta’ Settembru 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Pożizzjoni (UE) Nru 17/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet Adottata mill-Kunsill fid-29 ta’ Settembru 2016 ĠU C 395, 26.10.2016, p. 1-4	11309/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1764 tad-29 ta' Settembru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt UE-ICAO fir-rigward tad-Deċiżjoni dwar l-adozzjoni ta' anness dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru għall-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa ĠU L 269, 4.10.2016, p. 14-19	12430/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1880 tad-29 ta' Settembru 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Makao tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ĠU L 289, 25.10.2016, p. 13-14	SN 5255/2/14
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv tal-Konvenzjoni TIR, fir-rigward tal-proposta għall-emendar tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR	8463/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1795 tad-29 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendi għall-Annessi tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u għar-Regolamenti Annessi tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN) ĠU L 274, 11.10.2016, p. 52-54	11844/16
Deċiżjoni (UE) 2016/1857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (wara applikazzjoni mill-Finlandja - EGF/2016/001 FI/Microsoft) ĠU L 284, 20.10.2016, p. 23-24	12092/16

Deċiżjoni (UE) 2016/1858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (wara l-applikazzjoni mill-Iżvezja - EGF/2016/002 SE/Ericsson) ĠU L 284, 20.10.2016, p. 25-26	12094/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2117 tad-29 ta' Settembru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra ĠU L 329, 3.12.2016, p. 6-7	5432/15
Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra ĠU L 329, 3.12.2016, p. 8-42	18204/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1746 tad-29 ta' Settembru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 264, 30.9.2016, p. 30-35	10871/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1735 tas-29 ta' Settembru 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 264, 30.9.2016, p. 1-7	10872/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1747 tad-29 ta' Settembru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/932/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen ĠU L 264, 30.9.2016, p. 36-37	12035/16

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1737 tad-29 ta' Settembru 2016 li jimplimenta l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen ĠU L 264, 30.9.2016, p. 13-14	12036/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1748 tad-29 ta' Settembru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ĠU L 264, 30.9.2016, p. 38-42	12439/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2016/1736 tad-29 ta' Settembru 2016 li jimplimenta l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ĠU L 264, 30.9.2016, p. 8-12	12440/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1745 tad-29 ta' Settembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi ĠU L 264, 30.9.2016, p. 29-29	11810/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1780 tad-29 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Georgia dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi, fir-rigward tal-adozzjoni tal-linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim ĠU L 272, 7.10.2016, p. 72-87	11470/16
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Federali tan-Niġerja għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federali tan-Niġerja dwar ir-riammissjoni	11975/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1754 tad-29 ta' Settembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja ĠU L 268, 1.10.2016, p. 82-84	8330/1/16 REV 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2016/1792 tad-29 ta' Settembru 2016 li jissostitwixxi l-Annessi A, B u C tar-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment ĠU L 274, 11.10.2016, p. 35-47	11451/1/16 REV 1
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2079 tad-29 ta' Settembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra ĠU L 321, 29.11.2016, p. 1-2	9778/16
Dikjarazzjoni mill-Portugall Abbażi tar-rispett tal-kompetenzi allokatu bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif definiti fit-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-applikazzjoni proviżorja, mill-UE, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u New Zealand, min-naħa l-oħra, ma għandhiex taffettwa l-awtonomija ta' deċiżjoni tal-Portugall dwar il-kwistjonijiet tal-kompetenza nazzjonali tiegħu, li d-deċiżjoni tiegħu li jkun marbut mill-Ftehim tiddependi fuq il-konklużjoni tal-proċeduri interni ta' ratifika, u fuq id-dħul fis-seħħ tal-ftehim fis-sistema legali internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji u r-regoli Kostituzzjonali.	
Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra ĠU L 321, 29.11.2016, p. 3-30	9787/16

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Awstralja, min-naħa l-oħra	9773/16
Dikjarazzjoni mill-Portugall Abbażi tar-rispett tal-kompetenzi allokatu bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif definit fit-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-applikazzjoni proviżorja, mill-UE, tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Awstralja, min-naħa l-oħra, ma għandhiex taffettwa l-awtonomija ta' deċiżjoni tal-Portugall dwar il-kwistjonijiet ta' kompetenza nazzjonali tiegħu, li d-deċiżjoni tiegħu li jkun marbut mill-Ftehim tiddependi fuq il-konklużjoni tal-proċeduri interni ta' ratifika u d-dħul fis-seħħ tal-ftehim fis-sistema legali internazzjonali f'konformità mal-prinċipji u r-regoli Kostituzzjonali.	
Dikjarazzjoni mir-Rumanija Ir-Rumanija tissottolinja l-importanza tal-Ftehim Qafas għat-tisħiħ u l-approfondiment tad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni f'diversi oqsma ta' interess reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja. Ir-Rumanija tfakkar l-impenn tas-SEAE biex tqajjem fil-livell tal-Komitat Konġunt li għandu jiġi stabbilit mill-Ftehim, aspetti ta' interess partikolari enfasizzati minn diversi Stati Membri matul il-proċess ta' negozjar tal-Ftehim, fosthom l-importanza li tiġi żgurata reċiproċità sħiħa tal-viża, kif enfasizzat mir-Rumanija. Nissottolinjaw li din il-kwistjoni tibqa' prijorità u kwistjoni ta' tħassib għar-Rumanija, peress li l-Awstralja tkompli tapplika trattament differenti għal ċittadini Rumani fil-proċess tal-għoti tal-viżi, tradotti fi tnaqqis sinifikanti tar-rata tal-awtokonċessjoni ta' viża fil-każ ta' ċittadini Rumani meta mqabbla ma' ċittadini oħra tal-UE. Nistennew li s-SEAE jqajjem it-tħassib tagħna fil-Komitat Konġunt wara l-iffirmar tal-Ftehim u għaldaqstant jinfurmana dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet.	
Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Awstralja, min-naħa l-oħra	9776/16

It-3486 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fi Brussell fit-30 ta' Settembru 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjijiet għal-laqgħat tal-UNFCCC f'Marrakech (7-18 ta' Novembru 2016)	12807/16
Proċeduri bil-miktub magħluqa fl-30 ta' Settembru 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1755 tat-30 ta' Settembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 268, 1.10.2016, p. 85-89	12467/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1752 tat-30 ta' Settembru 2016 li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 268, 1.10.2016, p. 77-79	12472/16